MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2011

Appell Kriminali Numru. 542/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

**AB**
***… omissis …***

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra AB u *omissis* talli:

(1) fl-4 ta' Awwissu 2010, ghall-habta ta' l-ghaxra u nofs ta' fil-ghodu, fl-inhawi tal-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, fil-limiti Gudja, ikkommettew serq ta' kartiera, flus kontanti, karta ta' l-identita` numru 0045827(M) u oggetti ohra minn fuq il-persuna ta' Giuseppe Attard liema reat ta' serq huwa aggravat bil-valur li ma jeccedix l-elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u

bil-persuna, u dan sar ghad-dannu ta' l-imsemmi Giuseppe Attard;

U lil AB wahedha talli:

(2) saret recidiva b'sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell datata l-10 ta' Dicembru 2009 liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mibdula;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' l-14 ta' Dicembru 2010 li permezz taghha, wara li rat l-artikoli 37, 49, 50 u 284 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imsemmija AB hatja ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha b'dan li b'referenza ghall-ewwel imputazzjoni qed tinstab hatja ta' serq semplici biss u kkundannatha tliet xhur prigunerija;

Rat ir-rikors ta' appell ta' ABipprezentat fil-21 ta' Dicembru 2010 li permezz tieghu talbet li din il-Qorti tibdel u timmodifika s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha fil-parti liberatorja taghha, cioe` hija ma nstabitx hatja ta' l-akkuza ta' serq aggravat bil-valur u bil-persuna, tirrevokaha fil-parti kondannatorja taghha fejn sabitha hatja ta' serq semplici u tiddikjaraha mhux hatja ta' l-istess imputazzjoni, u subordinatament, jekk il-Qorti tikkonferma l-htija u tichad it-talba hawn fuq imressqa, titlob ukoll li din il-Qorti tirriforma l-piena lilha moghtija;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat il-fedina penali aggornata ta' l-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta' l-appellanti hu li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi peress illi ma setax jigi stabbilit lil hinn minn kull dubju ragjonevoli li kienet hi li serqet il-flus allegatament misruqa, u ma hemm ebda prova cirkostanzjali li tipponta lejn tali htija.

Din il-Qorti ezaminat il-provi u hija sodisfatta li l-ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment tikkonkludi li l-appellanti kienet hatja tar-reat ta' serq semplici. Ghalkemm fl-istqarrija taghha lill-Pulizija l-appellanti cahdet li kienet serqet xi flus lil Guzeppi Attard, bhalma osservat l-ewwel Qorti, dan Guzeppi Attard, id-derubat, kien konsistenti fil-verzjoni tieghu ghal dak li jirrigwarda l-hin li naqsulu l-flus. Flus kellu ghax kien sarraf cekk tal-pensjoni u kien ta biss parti mill-ammont imsarraf lill-appellanti. Il-flus kien dahhalhom fil-but tax-xellug tal-qalziet. L-appellanti dahhlet idejha f'dak il-but. Wara d-derubat sab li l-flus kienu ttehdulu. L-appellanti tammetti fl-istqarrija taghha li kienet dahhlet idejha fil-but ta' Attard biex tehodlu l-flus ghax riedet aktar milli kien diga` taha, izda tghid li kull ma hasset kien xi pakkett pilloli li jiehu Attard. Evidentement l-ewwel Qorti ma qisitx lill-appellanti kredibbli meta sostniet li ma haditx il-flus hi, u din il-Qorti ma ssib l-ebda raguni biex tiddisturba l-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti. Ghalhekk l-aggravju ta' l-appellant huwa michud.

Dwar il-piena m'hemmx aggravju *ut sic*, izda hemm talba biex jekk din il-Qorti tikkonferma s-sejbien ta' htija, allura tirriforma l-piena. Barra minn hekk il-Qorti ghandha kull dritt taghmel il-konsiderazzjonijiet li jidhrilha opportuni ghal dik li hi piena.

Issa, m'hemmx dubju li l-ewwel Qorti dahlet *funditus* fil-kwistjoni tal-piena u waslet ghall-konkluzjoni – in vista tar-rikalcitranza ta' l-appellanti u peress illi ma kienx hemm metodi alternattivi ghajr dak ta' *probation* li kien diga` falla – li ma kellhiex triq ohra hlief li tinfliggi piena ta' prigunerija. Fil-fatt jirrizulta li l-appellanti kienet diga` tqieghdet taht ordni ta' *probation* izda ma segwietx il-kundizzjonijiet kollha stabbiliti. Meta fl-14 ta' April 2011 l-appellanti pprezentat rikors ghall-helsien mill-arrest, din il-Qorti akkordat dan il-beneficcju lill-appellanti taht diversi kundizzjonijiet li hafna minnhom jirrispekkjaw il-pjan ta' kura li tfassal sabiex l-appellanti tigi mghejjuna b'mod holistiku.

Fl-1 ta’ Gunju 2011 l-ufficjal tal-*probation* Chantal Avellino xehdet dwar l-andament ta’ l-appellanti. Qalet li l-appellanti ma attendietx l-appuntamenti taghha mal-psikoterapista Elaine Micallef u mal-psikjatra Dr. Peter Muscat. Kien hemm kuntatt ma’ Embark for Life li pproponewlha taghmel kors ta’ *hair dressing* u *food handling certificate*. Ghall-bidu hija rrifjutat izda mbaghad ghamlet il-kors ta’ *food handling*. Kellha appuntament ma’ *modelling agency* sabiex tigi diskussa l-possibilita` li ssib impjieg maghhom izda ma attendietx. Appuntamenti fl-ufficcju tal-*probation* ma zammithomx kollha u l-appellanti ndikat li kienet sabet xoghol u allura ma setghetx tattendi. F’wiehed mill-appuntamenti ntalbet *urine sample* izda rrifjutat u qalet li kienet uzat l-eroina. Fid-19 ta’ Mejju l-ufficjal tal-*probation* ghamlet *referral* lis-SEDQA minhabba din il-problema. Fix-*shelter* fejn qieghda tirrisjedi jidher li hemm diversi problemi ghax l-appellanti ma tridx timxi mar-regolamenti u hemm problema ta’ attitudini ghax meta jippruvaw jindikawlha x’ghandha taghmel hi mill-ewwel tirrabja – dan qieghed jeffettwa kemm l-*istaff* kif ukoll lir-residenti.

Evidentement l-esperjenzi qarsa li diga` ghaddiet minnhom l-appellanti minhabba l-agir illegali taghha ma swew ghal xejn. Kif inghad, kienet diga` tqieghdet taht *probation* darb’ohra u, wara denunzja, l-ordni ta’ *probation* gie konvertit fi prigunerija.[1] Inoltre l-appellanti giet ukoll ikkundannata perijodu ta’ prigunerija minhabba li ma osservatx il-kondizzjonijiet ta’ digriet ta’ helsien mill-arrest u kisret *conditional discharge*.[2] Il-*behavioural pattern* ta’ l-appellanti huwa preokkupanti u din il-Qorti kellha t-tama li, bl-ghajnuna ta’ diversi *professionals* u bil-fatt li l-appellanti kellha *shelter* fejn setghet tirrisjedi, l-appellanti kienet se titqieghed fl-ahjar posizzjoni possibbli biex tikkumbatti l-kurrent li kien qieghed ikaxkarha. Sfortunatament dan ma sewa ta’ xejn, anzi, *ex admissis*, kien hemm zvilupp iehor negattiv peress illi ghamlet uzu mill-eroina. Biex il-pjan ta’

[1] Sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-23 ta’ Ottubru 2009 ikkonfermata b’sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell Kriminali ta’ l-10 ta’ Dicembru 2009.

[2] Sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-18 ta’ Marzu 2011.

kura jirnexxi, l-appellanti trid taghti s-sehem taghha billi toqghod ghar-regolamenti, tattendi l-appuntamenti kollha, u tosserva l-pariri kollha li jinghatawlha. Naturalment trid tkun motivata; trid temmen li t-tibdil li jrid isir fiha huwa fl-interess tal-gejjieni taghha stess. L-appellanti ma hi qed turi l-ebda motivazzjoni. Ghalhekk piena restrittiva tal-liberta` hi certament indikata.

Bhall-ewwel Qorti, pero`, din il-Qorti hi preokkupata bil-fatt li ma hemmx post adegwat ghal minorenni bhall-appellanti fejn l-enfasi tkun fuq l-edukazzjoni u r-rijabilitazzjoni taghhom. Hija l-istess preokkupazzjoni li giet espressa minn din il-Qorti diversament presjeduta f’sentenza ohra fil-konfront ta’ l-istess appellanti moghtija fl-10 ta’ Dicembru 2009. Fl-istess hin, u fl-assenza ta’ alternattivi ohra, din il-Qorti tifhem li l-ewwel Qorti ddecidiet kif iddecidiet fl-interess ta’ l-istess appellanti. U ghalkemm din il-Qorti kellha daqsxejn tama li l-appellanti kienet se tirrispondi ghal trattament divers, bl-agir taghha l-appellanti geghlet lil dik it-tama tisfuma fix-xejn.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. pero` tirrakkomanda li tul il-perijodu ta’ inkarcerazzjoni taghha l-appellanti tinzamm gewwa *shelter* taht il-kustodja tal-Pulizija fejn ikollhom access ghaliha dawk il-professjonisti li jistghu jghinu fir-rijabilitazzjoni taghha.

Tordna li kopja ta’ din is-sentenza tigi notifikata lill-Ministru tal-Gustizzja, lill-Ministru responsabbli ghall-Politika Socjali u lill-Kummissarju tat-Tfal biex jikkunsidraw din ir-rakkommandazzjoni.

Tordna li isem il-minorenni u l-konnotati taghha ma jixxandrux fl-*internet* u fil-*media*.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------